



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

9.9.2013

0011/2013

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tikkettar ta' prodotti tal-laħam u tat-tjur minn annimali maqtula b'ritwal

**Morten Messerschmidt (EFD), Janusz Wojciechowski (ECR),  
Sidonia Elżbieta Jędrzejewska (PPE), Rolandas Pakšas (EFD),  
Jörg Leichtfried (S&D), Nadja Hirsch (ALDE), Cristiana Muscardini  
(ECR), Mara Bizzotto (EFD), Andrea Zanoni (ALDE), Juozas Imbrasas  
(EFD), Pavel Poc (S&D), Róża Gräfin von Thun und Hohenstein (PPE)**

Data ta' skadenza: 9.12.2013

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar it-tikkettar ta' prodotti tal-laħam u tat-tjur minn annimali maqtula b'ritwal<sup>1</sup>**

1. L-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/29/KE jipprojbixxi ommissjonijiet qarrieqa li kapaċi jfixklu d-deċiżjonijiet tranżazzjonali tal-konsumaturi;
2. Ċittadini fl-Istati Membri ripetutament esprimew li ma kinux sodisfatti fir-rigward tan-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar it-tikkettar xieraq ta' prodotti tal-laħam li jkun konformi mal-istandardi tal-benessri tal-annimali u r-rekwiżiti għall-protezzjoni tal-konsumatur u li jgħinhom jagħmlu għażla infurmata skont it-twemmin, il-kuxjenza jew ir-reliġjon tagħhom;
3. Il-laħam minn annimali maqtula b'ritwal jidħol fil-katina tal-ikel ta' kuljum, u t-tikkettar tal-prodotti kollha li jirriżultaw mill-qtıl b'ritwal jista' jippermetti lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati kumpatibbli ma' standards ta' benessri oħla;
4. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tintalab tikkunsidra b'mod xieraq l-interess li dejjem qed jiżdied min-naħħa tal-konsumaturi fil-kwistjoni tal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-benessri tal-annimali fil-mument tal-qtıl;
5. Il-Kummissjoni qed tintalab iżżejjid ir-riċerka dwar kif tipprovdi lill-konsumaturi b'informazzjoni relevanti u tieħu azzjoni bil-għan li tintroduċi t-tikkettar ta' prodotti tal-laħam u tat-tjur minn annimali maqtula b'ritwal;
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun ffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, madankollu mingħajr ma torbot lill-Parlament.